# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 2 ta' Mejju 2001**

**Numru : 27**
**Citaz. Numru : 626/01/RCP**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Simon Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi il-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' elf wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,041.75c) in kwantu ghal disa mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm982.75c) import ta'

tlieta u ghoxrin (23) kambjala hawn annessi bhala Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, u 23 li data tal-maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghall disa u hamsin lira Maltin (Lm59) rapprezentanti imghaxijiet legali fuq dan l-ammont dovut sal lum b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat jhallas baqa' inadempjenti;

Illi dan il-kreditu huwa cert likwidu u dovut u jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-Affidavit hawn anness u markat Dokument 'X';

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smiegh; u

2. Tikkundanna lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta attrici, jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma komplessiva ta' elf u wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,041.75c) in kwantu ghal disa mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm982.75c) import ta' tlieta u

ghoxrin (23) kambjala li data tal-maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghall disa u hamsin lira Maltin (Lm59) rapprezentanti imghaxijiet legali fuq dan l-ammont dovut sal lum.

Bl-ispejjez, u b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Luciano Martinelli ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedotti, fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta attrici, jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma komplessiva ta' elf u wiehed u erbghin lira Maltin u

hamsa u sebghin centezmu (Lm1,041.75c) in kwantu ghal disa mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm982.75c) import ta' tlieta u ghoxrin (23) kambjala li data tal-maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghall disa u hamsin lira Maltin (Lm59) rapprezentanti imghaxijiet legali fuq dan l-ammont dovut sal lum.

BI-ispejjez, u b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra I-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**2 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Mejju, 2001**